MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1627/1994/1

**Joseph u Eleonor Scicluna**

**Vs**

**Alfred u Margaret konjugi Sultana**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-atturi taw kuntratt ta' appalt lill-konvenut Alfred Sultana biex jaghmel xoghlijiet ta' injam konsistenti f'bieb tal-kcina ta' l-*oak* u tieqa ta' l-*oak* fil-fond "Harmony", Dun Mikiel Scerri Street, Attard;

Premess illi l-konvenut Alfred Sultana ezegwixxa dawn ix-xoghlijiet mhux skond is-sengha u l-arti u l-bieb u t-tieqa

ta’ l-imsemmi fond ghandhom diversi hsarat konsistenti fost affarijiet ohra f’tbewwieq, qsim u nuqqas ta’ lostru;

Premess illi huma hallsu lill-konvenut is-somma ta’ hames mija u tmenin lira (Lm580) ghall-esekuzzjoni ta’ dan ix-xoghol li ma sarx skond is-sengha u l-arti u dan fl-4 ta’ April 1994;

Premess illi huma soffrew danni minhabba xoghol hazin ezegwit mill-konvenut Alfred Sultana u ghalhekk interpellaw lill-konvenuti jersqu ghall-likwidazzjoni tad-danni minnhom sofferti pero` baqghu inadempjenti;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, previa kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kuntratt ta’ appalt moghti mill-atturi fil-31 ta’ Awissu 1993 ghall-esekuzzjoni ta’ xoghlijiet ta’ bieb u tieqa ta’ l-*oak* ghall-fond “Harmony”, Triq Dun Mikiel Scerri , Attard ma sarx skond is-sengha u l-arti;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni kollha li soffrew l-atturi in konsegwenza ta’ l-esekuzzjoni hazina tax-xoghlijiet ta’ bieb u tieqa ta’ l-*oak* ghall-fond “Harmony”, Triq Dun Mikiel Scerri, Attard;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jirrifondu lill-atturi d-danni li soffrew in konsegwenza ta’ l-ezekuzzjoni hazina tax-xoghlijiet tal-bieb u tieqa ta’ l-*oak*, konsistenti fir-rifuzzjoni tas-somma ta’ hames mija u tmenin lira (Lm580) li huma hallsu lill-konvenuti , oltre l-imghax legali;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra legali tat-2 ta’ Novembru 1994 u tal-mandat ta’ qbid 2450/94 JV;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-Nota ta’ l-eccezzjonijiet tal—konvenuti li permezz taghha huma eccepew:-

1. Preliminarment, illi m’hemm l-ebda ness guridiku sostenibbli bejn l-ewwel talba attrici u t-tieni u t-tielet talbiet, u dan senjatament ghaliex fil-waqt illi skond it-tieni talba fic-citazzjoni l-atturi qeghdin jitolbu li jigi deciz illi l-eccipjenti huma responsabbli ghal danni li sofrew allegatament minhabba ezekuzzjoni hazina tax-xogholijiet imsemmija, min-naha l-ohra minghajr ukoll ma talbu li jigu likwidati l-istess danni allegati ghaddew biex skond it-tielet talba talbu r-rifuzjoni ta’ l-ammont kollu lilhom imhallas skond il-ftehim ta’ appalt. Lanqas ukoll ma talbu li jigi dikjarat li hemm lok ghax-xjoljiment tal-ftehim ta’ appalt in meritu. Ghalhekk it-talbiet taghhom kif intavolati ghandhom jigu respinti;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, ix-xoghlijiet li kellhom isiru skond l-imsemmi ftehim ta’ appalt fil-fatt gew ezegwiti skond is-sengha u l-arti;

3. B’riserva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet tat-8 ta’ Marzu 1995 li permezz tieghu gie nominat bhala perit tekniku Joseph (Anthony) Galea biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz; kif ukoll dak tal-5 ta’ Marzu 1996 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Deborah Huber biex tghin lill-perit tekniku fil-gbir tal-provi;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-istess perit tekniku li tinsab a fol. 21 *et sequitur* tal-process u li gie minnu debitament konfermat fl-udjenza tat-3 ta’ Dicembru 1997;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Qabel ma l-Qorti tinoltra ruhha fuq il-meritu, jidher opportun illi tigi investita l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut;

Il-Qorti ma tqisx li eccezzjoni bhal din tista’ tigi ntrattenuta. Dan in bazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet:

I. Huwa principju generali illi n-natura u l-indoli ta’ l-azzjoni jigu dezunti mit-termini ta’ l-att li bih jinbdew il-proceduri. Fil-kaz in ezami l-premessi u t-talbiet huma cari u jissodisfaw il-vot tal-ligi. Dak li ntalab bhala oggett tac-citazzjoni jikkonsisti minn talba dikjaratorja ta’ responsabilita ghall-ezekuzzjoni difettuza ta’ l-appalt u talba konsegwenzjali ghad-danni li ghall-atturi huma maghmula jikkonsistu mir-rifuzjoni tal-prezz imhallas ghall-istess appalt. F’dan kollu ma hemm xejn barra mil-logika u r-raguni guridika tat-talbiet, u allura ma kienx *di rigore* necessitat illi tingieb ‘il quddiem talba *ad hoc* ghall-likwidazzjoni tad-danni. Ghalhekk ir-raguni tat-talbiet huma mfissra car u sew, kif irid l-Artikolu 156 (1) (a) tal-Kapitolu 12;

II. Lanqas ma kien mehtieg illi ssir domanda partikolari u *ad hoc* ghax-xoljiment ta’ l-appalt. Il-kaz hawnhekk ma jitrattax minn appalt *in korso* izda minn sitwazzjoni fejn l-ezekuzzjoni ta’ l-appalt gja giet finalizzata. Allura huwa nkoncepibbli illi jintalab ix-xoljiment ta’ obbligazzjoni gja kompjuta u terminata. L-Artikolu 1069 (1) tal-Kodici Civili jiccentra meta l-obbligazzjoni ma tkunx ghadha giet esegwita. Dan ma huwiex il-kaz hawnhekk billi l-obbligazzjoni giet adempita, anke jekk, imbaghad, l-adempiment ma ssodisfax lill-atturi, li, anzi jsostnu, li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha;

Dan premess u pprecizat, il-Qorti issa ser tghaddi biex tinvestiga jekk dak ritenut mill-atturi bhala bazi ta’ l-azzjoni taghhom jinsabx sorrett mill-provi u mill-verifika teknika, li f’kaz konsimili kienet konsentita u necessarja li ssir;

Jinhass opportun, preordinatament ghall-ezami fil-meritu, illi jigi ribadit l-hsieb rakkolt mid-decizjoni fl-ismijiet “**Nazzareno Vassallo *nomine* –vs- Edward Maggi**”, Appell, 13 ta’ Frar 1997:-

“F’kazijiet bhal dak *de quo* – xoghol fuq l-injam – dak li ghandu l-aktar importanza huwa x’ezattament ikun gie miftiehem bejn il-partijiet dwar in-natura u l-kwalita` tax-xoghol li jkun ser isir. L-esperjenza tghallem illi l-kwestjonijiet jinqalghu ghaliex wiehed mill-partijiet jew it-tnejn ma jkunux approfondew sew it-termini tal-ftehim biex ma jinqalax inkwiet u dizgwid wara.”

F’dak il-kaz il-kwestjoni kienet taggira dwar jekk ix-xoghol kellux jkun tas-*solid oak*. Fil-kaz prezenti l-materja tikkoncerna aspetti ohra; eppure, l-monitu traccjat f’dik is-sentenza jghodd *mutatis mutandis* ghal kwestjoni hawn indagata;

Il-perizja teknika stabbilit illi ghal dak li jikkoncerna l-ezekuzzjoni ta’ l-appalt ix-xoghol sar tajjeb u skond l-arti u s-sengha. Dan fis-sens illi gie eskluz illi x-xoghol, kif irrizulta lill-espert tekniku, kien affett minn vizzji inerenti ghal lavorazzjoni tal-konvenut, u li setghu ipprivaw il-hwejjeg manifatturati – bieb u tieqa – mill-iskop jew mill-utilita` taghhom;

Effettivament l-hsara fihom giet attribwita ghall-fatturi estranei ghal din l-istess lavorazzjoni tant li gie determinat illi din avverat minn tixrib mill-ilma tax-xita. In raguni ghal din il-kostatazzjoni u opinjoni teknika, li minn imkien ma jidher li giet skossata b’xi opinjoni kuntrarja minn periti addizzjonali jew permezz ta’ eskussjoni jew b’nota ta’ kritika, il-fondament ta’ l-azzjoni attrici, ghal daqshekk biss, jikkrolla u d-domanda principali tigi destitwita mill-bazi taghha;

Wiehed allura jrid jirricerka, cionostante l-verifika peritali, u cionostante wkoll illi l-lavorazzjoni *ut sic* saret konformement ghall-arti u s-sengha, jekk kienx hemm xi htija ohra li jista' tkun allaccjata ma' l-operat tal-konvenut;

Huwa fatt illi l-perit tekniku stabilixxa hsara kemm fil-bieb kif ukoll fit-tieqa u r-raguni moghtija kienet ibbazata principalment fuq il-konkomitanza tal-fatt tat-tixrib u l-esposizzjoni taghhom ghall-elementi naturali mal-fatt illi dawn tqeghdu jinfethu ghal barra flok fuq gewwa. Dan apparti l-addattabilita` ta' l-injam uzat fix-xoghol mahdum. Jista' jinghad li kienu dawn il-fatturi konsiderati flimkien li nfluwenzaw il-konkluzjonijiet tieghu;

Fis-sentenza fl-ismijiet "**P. L. Costantino Fenech –vs- Camillo Gatt *nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, 17 ta' Mejju 1902 (Vol. XVIII P II p 164) intqal illi "*il concetto del caso fortuito, in quanto almeno alla irresponsabilita` che ne deriva, viene meno quando concorre il fatto positivo o negattivo dell' uomo*";

Fuq l-istess binarju ta' hsieb hi wkoll id-decizjoni fl-ismijiet "**Publio Azzopardi –vs- Antonio Arcicovich *et***", Appell Civili, 14 ta' Novembru 1919, fejn insibu precizat proprju dan:-

"*Quando invece vi ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto*."

Ta' l-istess fehma d-decizjoni fl-ismijiet "**Caterina Bezzina –vs- Giorgio Grech**", Prim' Awla, Qorti Civili; 7 ta' Gunju 1938 riportata a Vol. XXX P II p 142;

Issa l-atturi odjerni jaffermaw li hu minnu li kienu huma li riedu li l-bieb u t-tieqa jinfethu ghal barra minhabba l-fatt tal-purtieri. Ara deposizzjoni ta' l-attur (fol. 27) u ta' martu (fol. 29). Pero` mbaghad isostnu illi l-konvenut fl-ebda hin ma avzahom li seta' jkun hemm problema minhabba l-fatt

tal-ftuh 'il barra flok fuq gewwa. Jghidu wkoll illi huma hallew f'idejn il-konvenut ghall-ghazla ta' l-injam, u li inoltre dan fl-ebda mument ma kien tahom parir biex jaghmlu xi forma ta' ilqugh ghall-ilma tax-xita;

Il-versjoni tal-konvenut (fol. 32), sostenuta minn ibnu Joseph Sultana (fol. 35) hi dijametrikalment opposta ghal dik ta' l-atturi. Huwa jghid li lill-atturi kien avzahom fuq id-differenza u l-konsegwenzi bejn ftuh fuq barra u ftuh fuq gewwa ta' l-aperturi, izda, cionostante, dawn insistew li jissokta bix-xoghol kif minnhom intiz. Jghid ukoll li l-attur kien qallu li ser jaghmel ilqugh jew speci ta' tinda, u li meta avverat ruhha l-ewwel hsara, hu stess insistielu biex jaghmel dan ir-ripar ghall-ilma tax-xita;

Fir-rigward ta' dawn il-provi dina l-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet:

(i) Kienu l-atturi li nsistew li l-bieb u t-tieqa jinfethu fuq barra. Interessanti dak li ntqal mill-atturi (fol. 37): "Qatt ma bsarna li ser jigri hekk." Dan kollu ghall-Qorti jfisser illi bil-parir b'kollox li seta' tahom, jew ma tahomx, il-konvenut, gjaladarba huma kienu determinati li l-aperturi jinfethu fuq barra, hekk xtaqu u riduhom;

(ii) Il-kwalita` ta' l-injam giet certament maghzula mill-atturi. Li din hi l-probabilita` jsib konferma mill-fatt illi l-ghamara tal-kcina kienet diga` ta' l-*oak*. Hemm, imbaghad, il-konferma li tohrog mill-ftehim innifsu (fol. 4) li jistabilixxi b'mod car illi kemm il-kcina kif ukoll l-aperturi kellhom isiru bl-injam ta' l-*oak*;

(iii) Kwantu ghall-ilqugh l-versjonijiet huma wkoll kuntrastanti ghalkemm irid jinghad illi skond ma jirrizulta mid-deposizzjoni ta' l-attur hu jghid li qatt ma qal lill-konvenut li ser jaghmel it-tined;

Il-Qorti wieznet bir-reqqa z-zewg versjonijiet u filwaqt li ma teskludi l-ebda wahda minnhom *a priori* ma jistax ma jinsorgix fiha d-dubju legittimu illi, fil-presenza ta' konflitt serju tal-provi, l-ebda htija tal-konvenut ma kienet il-kawza vera tad-dannu riskontrat fl-aperturi;

Fic-cirkostanzi l-Qorti tinsab kostretta, proprju minhabba r-regola ta' l-oneru tal-prova, li f'kawza civili jirrikjedi bilanc serju ta' probabilita`, taqa' fuq is-soluzzjoni tad-dubju ragjonevoli u tal-principju "*actore non probante, reus absolvitur*";

Hemm imbaghad ic-cirkostanza gja ndikata illi strettament l-atturi ma pprovawx illi x-xoghol kommissjonat ma sarx mill-konvenut skond l-arti u s-sengha. Prova din li anke kieku saret tinsab newtralizzata mill-accertament tekniku peritali. Perizja din li ghall-motivi gja accennati *supra* ma tistax ma tigix adoperata u adottata minn din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi in raguni ghal konsiderazzjonijiet fuq maghmula u filwaqt li din il-Qorti taghmel taghha r-relazzjoni peritali u r-ragjonamenti fiha espressi, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez tal-kawza a kariku ta' l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------